# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

**MAĠISTRAT**
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ġimgħa, 15 ta' Diċembru 2023**

**Rikors Revoka Nru: 251/2023JG**

**Wara l-mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju 1953/2023 fl-ismijiet**

**Clinton John Saliba**

**vs**

**Marco La Rosa *et noe***

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Marco La Rosa datat 16 ta' Ottubru 2023[1], fejn, għar-raġunijiet hemm imfissra intalab li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1953/2023 maħruġ kontrih personalment u kontra s-soċjetá kummerċjali A Live Limited, jiġi revoka fil-konfront tiegħu personalment. Intalbu wkoll danni.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors[2].

[1] A fol 1 tal-proċess.
[2] A fol 4 u 5 tal-proċess.

Rat id-digriet tagħha datat 18 ta' Ottubru 2023[3].

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-sekwestrant Clinton John Saliba datata 1 ta' Novembru 2023[4].

Semgħet it-trattazzjoni finali magħmula fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2023[5]. Dakinhar ir-rikors tħalla għad-digriet li qiegħed jingħata llum.

**Ikkunsidra**

Illi din hija deċiżjoni finali dwar ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju hawn fuq indikat.

Illi l-bażi tar-rikors tas-sekwestrat huwa l-fatt li huwa ma missu qatt ġie indikat fil-mandat ta' sekwestru fil-vesti tiegħu personali, dwar mertu li huwa totalment m'għandux x'jaqsam miegħu.

Illi din is-sitwazzjoni tal-lum hija differenti minn meta tkun infetħet kawża, wara mandat kawtelatorju, kontra żewġ min-nies u wieħed jgħid li m'huwiex leġittimu kuntradditur bħala eċċezzjoni f'dik il-kawża. Hemmhekk iva, jkun hemm argument b'saħħtu li jwaqqaf li l-Qorti li tkun qiegħda titratta xi rikors revoka, li hi stess tiddeċiedi pretensjoni bħal din fil-qafas ta' dak ir-rikors, għaliex dik il-kwistjoni jkollha neċessarjament tiġi mistħarrġa fil-mertu tal-kawża[6].

---

[3] A fol 9 tal-proċess.
[4] A fol 11 tal-proċess.
[5] Liema trattazzjoni ġiet debitament reġistrata u traskritta u tibda a fol 23 tal-proċess.
[6] F'dan is-sens il-Qorti tagħmel referenza għad-digriet fl-ismiijet **Western Company Limited vs Anthony Lia *et,*** *(*Rik Nru: 704/20) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-29 ta' Settembru 2020 fejn ingħad hekk: "*Illi l-kwestjoni dwar jekk l-eżekutat Anthony Lia huwiex jew le il-kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet ta' Western mhijiex ħaġa li l-Qorti trid tqis fi proċedura bħal din. Aktar u aktar meta joħroġ li l-kawża li fetħet Western fetħitha kontrih ukoll, u dak il-fatt huwa biżżejjed għal din il-Qorti fl-eżami li trid tagħmel biex tistħarreġ is-siwi ta' talba għat-tħassir tal-Mandat. Hija l-Qorti li quddiemha tressqet il-kawża li se tkun*

Illi madanakollu dan m'huwiex il-każ tal-lum. Minn eżami *prima facie,* kif wara kollox huwa dak rikjest a tenur tal-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jirriżulta ampjament ċar li l-kwistjoni fil-mertu hija konnessa ma xi nuqqas ta' ħlas ta' salarji. Madanakollu, mid-dokumentazzjoni eżebita, jirrizulta li l-impjieg relattiv ma kienx mas-sekwestrat personalment iżda mas-soċjetá A Live Limited. M'hijiex l-ewwel darba li f'sitwazzjonijiet simili dan l-argument ġie aċċettat[7].

Illi jiġi b'hekk li mad-daqqa t'għajn[8], is-sekwestrant m'għandu l-ebda pretensjoni sostantiva kontra s-sekwestrat fil-vesti personali tiegħu.

Illi din il-Qorti qrat ukoll in-nota mressqa mis-sekwestrant iżda jkollha tistqarr li sabet diffikultà tifhem il-kontenut tal-istess fil-kuntest ta' rikors revoka ta' mandat. X'aktarx is-sekwestrant aktar ħaseb li kien qiegħed jittratta l-mertu ta' bejn il-kontendenti, li naturalment ma jidħol imkien fl-eżami li għandu jsir hawnhekk. Tassew, ma nġabet l-ebda argumentazzjoni li b'xi mod tikkonvinċi lil

---

*f'qagħda mill-aħjar li tqis din il-kwestjoni fil-waqt xieraq u din il-Qorti ma għandha tagħmel jew tgħid xejn li bih id dik il-Qorti tista' tintrabat qabel ma hija tisma' u tqis xi provi għandhom xi jressqulha l-kontendenti f'dak ir-Rigward".* Issir referenza wkoll għad-digriet fl-ismijiet **<u>Dr. Tonio Fenech *noe* vs Dr. Patrick Spiteri *pro et noe,*</u>** (Rik Nru 253/2017) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-23 ta' Mejju 2017 fejn ingħat hekk: *"Illi l-Qorti tibda biex tqis li fil-kawża miftuħa mill-eżekutant, l-eżekutat ukoll tħarrek fil-kwalita' tiegħu personali. Il-kwestjoni dwar jekk l-eżekutat messux tħarrek fil-kawża f'dik il-kwalita' tqajmet f'waħda mill-eċċezzjonijiet tal-istess eżekutat u din il-Qorti għadha trid tiddeċidiha. Li kieku l-Qorti kellha tilqa' t-talba tal-eżekutat għat-tħassir tal-Mandat f'dan l-istadju u għar-raġuni msemmija minnu, kienet tkun qiegħda turi minn issa l-fehma tagħha dwar l-imsemmija eċċezzjoni. Dan ukoll huwa ta' xkiel biex it-talba tal-eżekutat tista' tintlaqa';"*

[7] F'dan is-sens il-Qorti tagħmel referenza għad-digriet fl-ismijiet **<u>Maria Dolores *sive* Doris Magro vs Leonard Vella *pro et noe,*</u>** (Rik Nru: 558/22) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-11 ta' Awwissu 2022. Issir referenza wkoll għad-digriet fl-ismijiet **<u>Stephen Caruana vs Kurt Galea Pace *et,*</u>** (Rik Nru: 1022/2017) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-13 ta' Marzu 2018.

[8] F'dan ir-rigward issir referenza għad-digriet fil-proċeduri fl-ismijiet **<u>Casino-For-Me Limited vs Chartwell Games (Malta) Limited,</u>** (Rik 652/2008) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-5 ta' Settembru 2008.

din il-Qorti lis-sekwestrat, fil-vesti personali tiegħu, kellu jiġi milqut b'dan il-mandat.

Illi b'hekk sa fejn ir-rikors irid li l-mandat relattiv jiġi mħassar fil-konfront tas-sekwestrat fil-vesti personali tiegħu, dan għandu mis-sewwa u sejjer jintlaqa.

**Danni**

Illi fl-aħħar żewġ talbiet, il-Qorti qiegħda tiġi mitluba wkoll tillikwida u tordna lis-sekwsestrant iħallas danni bil-fatt li dan il-mandat, skond hu, ħareġ abbużivament.

Illi għal din il-Qorti, bil-fatt li s-sekwestrat għażel li juża l-kelma danni (u mhux penali) fir-rikors, ifisser li, għalkemm ma ġie indikat l-ebda artikolu tal-liġi, huwa qiegħed hawn jirreferi għall-artikolu 836(9) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Issa, huwa ben rispaut li talba bħal din għandha titressaq b'azzjoni appożita u mhux b'sempliċi rikors[9]. Ir-raġuni primarja l-għala dan għandu jsir hekk huwa għaliex, ġaladarba l-proċedura hawn utilizzat titmexxa fuq il-kejl tal-*prima facie*,

[9] Huwa ċelebri l-pronunzjament tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) mogħti fil-proċeduri fl-ismijiet **<u>Joseph Rapa vs Raymond Sammut,</u>** (Ċit Nru: 1650/00 GCD) mogħti fit-13 ta' Marzu 2001. Hekk ukoll ġie deċiż f-provvediment imsemmi qabel u ċioé dak fl-ismijiet **<u>Ivan John Debono vs Antoine Vella,</u>** (Rik Nru: 698/20) mogħti fit-12 ta' Jannar 2021 fejn ġie ritenut hekk: "*Illi dwar il-kwestjoni tal-kundanna għall-ħlas tad-danni, l-Qorti ma jidhrilhiex li talbiet bħal dawn għandhom jintlaqgħu bil-mod kif saru u fi proċedura bħal din. Hija l-fehma sħiħa tagħha li talbiet bħal dawn jistgħu jsiru biss b'azzjoni ġdida għaliha (illum il-ġurnata permezz ta' Rikors Maħluf) u mhux fil-qafas ta' rikors għat-tħassir ta' Mandat kawtelatorju. Kemm hu hekk, sa ma fl-2005 saru l-bidliet fil-liġi tal-proċedura u fl-atti li bihom jitressqu l-kawżi, lartikolu 836(9) kien jirreferi għal "ċitazzjoni". Bil-bidla korrispondenti li saret bl-imsemmija emendi, dan ifisser li r-"rikors" li għalih illum jirreferi l-artikolu 836(9) irid ikun fis-sura tar-Rikors Maħluf maħsub fl-artikolu 156 tal-Kodiċi, li m'għandu x'jaqsam xejn mar-rikors imressaq mir-rikorrenti eżekutati f'dan ilkaż; Illi għalhekk, il-Qorti ssib li t-talba għall-kundanna tad-danni taħt l-artikoli 836(9) hija irritwali għall-finijiet tal-artikolu 164(1) tal-Kodiċi*; Dan kollu ġie riċentement abbraċċjat f'provvediment fl-ismijiet **<u>100 the Whitehouse Ltd vs AG Installations Ltd,</u>** (Rik Nru: 565/2022) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-9 ta' Awwissu 2022.

m'hijiex il-proċedura idonja sabiex jiġi mistħarreġ il-kejl u l-entita tad-dannu mġarrab[10].

Illi b'hekk din il-Qorti issib li ma hemm l-ebda lok ta' ħlas ta' danni.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan ir-rikors billi:

1) Tilqa' limitatament l-ewwel ħames talbiet u b'hekk tiddikjara li s-sekwestrat m'huwiex leġittimu kuntradittur tal-pretensjoni dedotta fil-mandat ta' sekwestru bin-numru 1953/2023, tordna r-revoka tal-istess mandat sa fejn dan jolqot lis-sekwestrat personalment u tawtorizza lill-istess sekwestrat sabiex immedjatament jiżbanka kull somma maqbuda mill-kontijiet personali tiegħu, iżda dan biss wara li jkun aċċertat li dawk is-somom huma fil-fatt tiegħu u mhux tas-soċjetà sekwestrata.
2) Tiċħad is-sitt u s-seba' talba għar-raġunijiet hawn fuq imfissra.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom minn Clinton John Saliba.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

[10] F'dan is-sens issir referenza għad-digriet fl-ismijiet **Karmena Callus *et* vs Dione Cassar *et,*** (Rik Nru: 1206/2013) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Jannar 2014 fejn ġie mfakkar hekk: *"Illi l-Qorti ssaħħaħ din il-fehma tagħha minħabba l-fatt ukoll li l-proċedura għat-tħassir tal-Mandat hija waħda li timxi fuq il-kejl tal-prima facie u dan ifisser li mhijiex proċedura maħsuba li ttul biex isir stħarriġ ukoll tad-dannu mġarrab mill-parti eżekutata."*

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur